**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Mejju 2015 – Harper Hygienics vs UASI – Clinique Laboratories (CLEANIC Kindii)**

**(Kawża T-364/12)** ([1])

***[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva CELANIC Kindii — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti CLINIQUE — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009”]***

(2015/C 213/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Harper Hygienics S.A. (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentanti: inizzjalment R. Rumpel, sussegwentement D. Rzążewska u G. Pietras, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Clinique Laboratories, LLC (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: inizzjalment V. von Bomhard, A. Renck, avukati, u K. Hughes, sussegwentement, K. Hugues)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-17 ta' Mejju 2012 (Każ R 1135/2011-1), fir-rigward ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Clinique Laboratories, LLC u Harper Hygienics S.A.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Harper Hygienics S.A. hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk esposti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u Clinique Laboratories, LLC.*

([1]) ĠU C 355, 17.11.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2015 – Diputación Foral de Bizkaia vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-397/12)** ([1])

***(“Għajnuna mill-Istat — Kostruzzjoni — Għajnuna tal-awtoritajiet Spanjoli favur il-kumpannija Habidite — Ftehim konklużi bil-għan li tiġi stabbilita fabbrika ta' manifattura ta' moduli ta' kostruzzjoni u li jiġu kkunsinnati abitazzjonijiet modulari prodotti minn din il-fabbrika — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna illegali — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna parzjalment kompatibbli u parzjalment inkompatibbli mas-suq intern — Nuqqas ta' notifika bil-quddiem — Drittijiet tad-difiża — Obbligu ta' motivazzjoni”)***

(2015/C 213/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Diputación Foral de Bizkaia (rappreżentant: I. Sáenz-Cortabarría Fernández, avukat)